MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 732/2004

**Alfred Zammit**

**vs**

**Alfred Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta’ April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00) rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut fil-vettura ta’ l-attur tal-marka “Golf” meta din l-istess vettura kienet ghat-tiswija tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da parti tal-konvenut u wkoll minhabba atti ta’ ommissjoni min-naha tal-kovenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------